TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 236/15-F

Alexander Abela
Vs
Wild Buffalo Ltd.

Illum, 6 ta' April, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Diċembru, 2015, fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mija ħamsa u għoxrin Ewro (€325) rappreżentanti prezz ta' sufan li wara ftit żmien dan is-sufan beda jitqaxxar.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li nnota li s-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta minkejja li kienet debitament notifikata u lanqas attendiet għas-seduta , u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti kien xtara sufan u wara ftit dan is-sufan beda jitqaxxar.

It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti kkonkluda li kien qiegħed jagħmel użu normali tiegħu u li ġara hu tort ta' xi difett.

It-Tribunal ra xi ritratti ta' l-istess sufan u jikkonkludi li kemm minkejja l-fatt li s-soċjeta' ntimata ma kkontestatx din it-talba u kif ukoll għall- fatt li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli, jilqa' t-talba tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti billi jordna lis-soċjeta ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewor (€250) bl-ispejjes kontra l-istess soċejta ntimata b'dan illi s-sufan jsir propjeta' tas-soċejta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888